# Smigħ Tikka Malti 1a

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/1/podcasts.html**

## Taqsima 1: Jien

*Paġna 5*

*Flimkien (Dino u Dina):* Bonġu!
*Dino:* Jien jisimni Dino.
*Dina:* U jien jisimni Dina.
*Dino:* Aħna d-dinosawri żgħar li se jkunu magħkom f'dan il-ktieb.
*Dina:* Jiena dinosawru vjola.
*Dino:* U jien aħdar! Dina inti kemm għandek żmien?
*Dina:* Jien għandi ħames snin. U int?
*Dino:* Anke jiena għandi ħames snin.
*Dina:* Jien inħobb ħafna l-fjuri. U taf xi nħobb niekol? It-tuffieħ!
*Dino:* Aqta' xi nħobb niekol jien? Il-banana! Wara l-iskola dejjem niekol waħda. U jien inħobb nikteb u naqra.
*Dina:* Anki jien!
*Dino u Dina:* Aħna se mmorru. Niltaqgħu magħkom aktar tard.

## Taqsima 2: Il-familja

*Paġna 15*

Din hija l-familja Farrugia. F'din il-familja hemm in-nannu, in-nanna, il-mamà, il-papà, it-tifel, it-tifla, iz-ziju u z-zija. In-nannu jismu Saviour imma kulħadd jgħajjatlu Salvu, u n-nanna jisimha Salvina. Il-mamà jisimha Angela u l-papà jismu Mario. It-tifla, bħall-mamà, isimha jibda bl-A: Adriana. It-tifel ismu qasir u jibda bil-B. Tafu x'jismu? It-tifel jismu Ben! Iz-ziju u zija André u Anita. Issa ħares lejn l-istampa. Kemm tiftakar ismijiet?

*Paġna 16*

1. Il-mamà tiġi lura d-dar bix-xirja.
2. Il-mamà tpoġġi kollox fuq il-mejda.
3. Nigel ipoġġi l-affarijiet f'posthom.
4. Meta l-mamà ta' Nigel tmur lura fil-kċina ma ssib xejn.

## Taqsima 3: L-iskola

*Paġna 17*

*Dina:* Ħelow tfal. Kif intom? Jiena tajba. Qed tieħdu gost l-iskola? Jiena dejjem nieħu gost ħafna għax dejjem nagħmlu ħafna affarijiet sbieħ ma' Miss Anne. X'jisimha l-għalliema tagħkom? Illum Dino ma ġiex skola għax ma jiflaħx. Miskin Dino. Imma naħseb li għada jkun aħjar u l-mamà tibagħtu l-iskola. Issa la mmur id-dar noqgħod ngħidlu b'dak kollu li għamilna: kantajna l-ABĊ, pinġejna l-annimali, smajna storja sabiħa fuq qattusa li jisimha Pejxa, kilna ftit, lgħabna ftit, ħdimna ftit somom u tgħallimna wkoll *Nannakola mur l-iskola* ... Intom tafuha din? *Nannakola tir, tir, tir* ... Jekk ma tafuhiex tistgħu tisimgħu lill-għalliema tagħna taqraha. Ħudu gost!

Nannakola, mur l-iskola,
ġib is-siġġu u ibda għola,
ġib il-pinna u l-klamar,
ħalli npinġu ras ta' ħmar.

Nannakola, mur l-iskola,
Bil-kabozz u bil-barjola.
Nannakola, mur l-iskola,
iżfen żifna mas-sinjora.
Kola, tir! Kola, tir!
Kola, tir, tir, tir!

*Paġna 22*

1. Beverly qed tibki għax m'għandhiex ħbieb.
2. Anita tgħidilha biex jagħtu l-kulur lill-buffu.
3. Beverly tagħtiha l-kuluri.
4. Beverly u Anita jpinġu kuntenti flimkien.

## Taqsima 4: Il-kuluri

*Paġna 23*

Aħmar bħaċ-ċirasa,
Blu bħal sema ċar,
Aħdar lewn is-siġar,
Abjad bħat-tajjar.

Isfar bħal-lelluxa,
Vjola bħall-brunġiel,
Iswed daqs il-faħam,
Roża bħar-rummien.

Il-kuluri kollha sbieħ,
U minnhom issib qatigħ.

*Paġna 30*

1. In-nannu ta' Kyle qed jiżbogħ il-ħajt kannella.
2. Kyle qed jiżbogħ il-ħajt blu.
3. Il-papà ta' Kyle jieħu qatgħa meta jara l-blu mal-ħajt.
4. In-nannu jidħaq, ikompli t-tpinġija ta' Kyle u jagħmilha fi kwadru.

## Taqsima 5: Il-ġugarelli

*Paġna 33*

Għandi pupa wisq sabiħa,
aħmar wiċċha bħall-peprin,
par għajnejn minn lewn is-sema,
bħalhom żgur ma ssibx ħelwin.
Il-mamà bħali tlibbisha,
mid-drapp stess tal-libsa tiegħi,
oħti ż-żgħira nistħajjilha,
meta jien noħroġha miegħi.
Fejn immur dejjem noħodha,
għax mingħajrha ma jien xejn.
Minn fejn ngħaddi nisma' jgħidu,
"Dawna donnhom pupi t-tnejn!"

*Paġna 34*

Għandi kaxxa ġugarelli.
Din mimlija sa fuq nett.
Għandi l-pupa u l-karozza;
U tat-te jien għandi sett.

Ballun ċkejken u safrani,
Ors jiċċaqlaq u vapur,
Hemm xadina qisha ħajja,
pupu ħelu fuq mutur.

*Paġna 36*

1. James joħlom bil-karozza u l-ballun il-ħomor.
2. Waqt li jkun għadu rieqed il-mamà tħallilu rigal.
3. James iqum u jara r-rigal.
4. Meta James jiftaħ ir-rigal isib karozza u ballun ħomor.

## Taqsima 6: Id-dar

*Paġna 37*

*Dina:* Id-dar tagħna qiegħda l-Imsida. Minn dejjem konna noqogħdu fiha. Isfel għandna kċina fejn nieklu ħafna ikel tajjeb li jsajjar il-papà, u salott fejn noqogħdu naraw it-televixin. Fuq hemm kamra tas-sodda tal-mamà u l-papà, kamra tas-sodda ta' Dino u kamra tas-sodda tiegħi. Tiegħi ħafna isbaħ minn ta' Dino *(tidħaq)*. Għandna wkoll kamra tal-banju. Imbagħad hemm il-bejt fejn nonxru l-ħwejjeġ. U d-dar tiegħek kemm għandha kmamar?

*Paġna 39*

Din il-kamra tas-sodda ta' Ben. Il-kulur favorit ta' Ben huwa l-aħdar. Għalhekk il-liżar aħdar skur. Anki l-imħaded ħodor. It-tapit tal-kamra pariġġ il-lożor, aħdar ċar. Ara ftit l-ors fuq is-sodda. Taf x'kulur hu? L-ors ta' Ben kannella. Anki s-siġġu, il-mejda u l-art kannella, imma l-ħajt għandu lewn isfar. Il-kompjuter iswed iswed u l-ballun ta' Ben blu. U l-kotba? Il-kotba kull kulur.

*Paġna 42*

1. Il-familja ta' Marta qed jistennew sabiex jagħmlulha sorpriża.
2. Marta tidħol fil-kamra u ssib lill-familja tagħha kollha hemm.
3. Marta tibda tiftaħ ir-rigali.
4. Fl-aħħar Marta taqsam il-kejk.

## Taqsima 7: L-annimali

*Paġna 43*

Ġanni l-bidwi razzett għandu,
Fih irabbi l-annimali.
Mogħża u ħmara fih insibu.
Kif ukoll xi sitt majjali.

Għandu żiemel abjad kollu
Baqra smina u tal-ħalib.
Tiġieġ, flieles u kelb iswed,
li ta' dawn huwa l-ħabib.

*Paġna 46*

*Ħsejjes ta' dawn l-annimali:* għasfur, ħmar, kelb, papra, serduq, qattus, baqra, ħanżir

*Paġna 48*

1. Nikolas jixtieq kelb.
2. Nikolas ma jafx liema kelb se jagħżel: il-kannella jew il-griż?
3. Nikolas jagħżel 'il Griżinu. Imma kemm jiddispjaċih li ħalla lil Kannella warajh.
4. Wara ftit Nikolas imur għall-kelb il-kannella wkoll. Issa kulħadd kuntent.

## Taqsima 8: Il-frott

*Paġna 49*

*Dino:* Tridx nagħmlu fruttata?
*Dina:* Kif?
*Dino:* Taqbad banana u tqaxxarha. Kiwi u tqaxxarha. Tuffieħa u tqaxxarha.
Imbagħad tqattagħha biċċiet.
*Dina:* Naħseb naf x'se tagħmel. Għandek bżonn liquidizer.
*Dino:* Iva Dina. U nitfgħu kollox fih.
*Dina:* Dawk biss?
*Dino:* Mhux biżżejjed? Tgħidx kemm se jiġi tajjeb.
*Dina:* Le. Għandna l-frawli, il-lanġas, hemm il-bajtar u l-pastard.
*Dino:* Le, il-pastard le.
*Dina:* Biċċa lumija u zunnarija.
*Dino:* Le, zunnarija le.
*Dina:* Mandolina, kuċċarina.
*Dino:* Le, kuċċarina le. *(U jidħqu)*
*Dina:* Qed niċċajta Dino. Issa nistgħu nidħnuh …
*Dino:* U wara nixorbuh.

*Paġna 54*

1. In-nanna Rita tmur tixtri l-frott.
2. Jitqatta' l-basket tan-nanna Rita u jaqa' kollox mal-art.
3. Miguel jiġbor il-frott kollu.
4. In-nanna Rita tagħtih kaxxa frawli biex tirringrazzjah.

## Taqsima 9: It-trasport

*Paġna 55*

Lanċa ġejja u oħra sejra,
minn tas-Sliema għal Marsamxett.
Il-kaptan bil-pipa f'ħalqu, jidderieġi l-bastiment.

Sewwa, sewwa f'nofs ta' baħar
il-kaptan ħassu ħażin.
Ma kellux min idur miegħu —
daru miegħu il-baħrin.

Agħmillu karta, agħmillu karta,
Agħmillu karta għal tax-xjuħ,

Agħmillu karta, agħmillu karta,
Agħmillu karta għal tax-xjuħ.

*Paġna 58*

*Ħsejjes ta':* mutur, vapur, dgħajsa, ajruplan, ħelikopter, karozza, rota

*Paġna 60*

1. Il-papà u Nina jħarsu lejn il-biċċiet tal-iskuter.
2. Il-papà jarma l-iskuter u jiżbogħha vjola.
3. Nina twaħħal basket aħmar mal-iskuter.
4. Nina tmur dawra bl-iskuter. Magħha tieħu lil Dina.

## Taqsima 10: Il-festi

*Paġna 61*

**1. Il-Milied**
*L-istorja tal-Milied (titkanta bil-mużika ta' "Mary's Boy Child")*

Tgħallimt storja tal-Milied
Kont għadni ta' ftit snin,
Bil-ħlewwa ommi qaltli fis,
Kif twieled il-Bambin.
L-Anġli niżlu mis-smewwiet
Ġrew ma' kullimkien,
U taw il-hena tal-Milied
Lil kull min safi kien.
U biex dil-ġrajja ma ninsiex
Presepju kelli d-dar,
Nitgħaxxaq kont għal sigħat sħaħ
Quddiem Bambin fl-għar.

Illum li kbirt naf li l-Bambin
Mhux biss ġol-għar ikun,
Iżd'hawn ġo qalbi, ħaj tassew,
Jitwieled ta' kuljum.
L-Anġli niżlu mis-smewwiet ...

**2. Karnival**

Il-perlini u l-prinjolata,
Għal matul il-karnival,
Għax dawn huma jiem ta' briju,
Kemm għall-kbar u kif ukoll għat-tfal.

Hemm min jilbes ta' xi buffu,
Hemm min jilbes ta' pirat.
Ejj'ilkoll inċapċpu u nidħqu;
Ħadd m'għandu jkun irrabjat.

Mel'evviva l-maskerati
U evviva l-ħmerijiet!
Ejja ningħaqdu lkoll mal-folol,
Ħa naraw il-karrijiet.

Viva, viva l-karnival!
Viva, viva l-karnival!

**3. San Martin**

San Martin tal-ġewż u t-tin!
Ġewż, lewż,
Qastan, tin —
Kemm inħobbu 'l San Martin!

**4. Ferħ u awguri**

Ferħ u awguri f'dal jum
Għeluq sninek illum.
Ferħ u awguri lil .........,
Ferħ u awguri f'dal-jum.

*Paġna 63*

Ir-rigal għandu ċoff kbir li jdur mal-kaxxa kollha. Pinġi ċ-ċoff aħdar skur. It-trijangli kollha huma blu. Pinġi t-trijangli blu. Iċ-ċrieki lewn it-tuffieħ. Ħomor. Issa pinġi ċ-ċrieki ħomor.